# Miet il-Kavallier Alexander dei Marchesi Apap Bologna.



Il-Wisq Nobbli Kavallier Alexander dei Marchesi Apap Bologna.

Ġie maħtur President tas - Soċjeta' *L'Isle Adam* f'Mejju tas-sena 1949. Bl-inizjattiva tiegħu saret il-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesu' u lill-Qalb ta' Marija. Ġiet imżanżna l-Istrumentatura ġdida fil-5 ta' Marzu 1950. Laqa' f'isem is-Sojeta' lil bosta persuni għolja, Ekklesjastiċi u ċivili bi żjarat tagħhom lill-Każin, fosthom lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Ilbebrando Antoniutti, Giuseppe Antonelli, O.F.M., lill-aħħar Gvernatur Ingliż Sir Maurice Dorman, u fl-1979 lill-President tar-Repubblika, Dr. Anton Buttigieg.

Fl-1960 saru festi kbar f'għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Banda L'Isle Adam.

Sar it-trasferiment tas-Soċjeta' Filarmonika għal Palazzo Xara, li ġie mixtri mis-Soċjeta' b'atti tan-Nutar Dr. J. Sammut, LL.D., fid-9 ta' Ġunju 1951. F'dan il-Palazz, is-sede tas-Soċjeta', saru bosta xogħolijiet, li saru "gratis" mill-imseħbin ta' l-istess Soċjeta', taħt id-direzzjoni tal-Periti, Anton Vassallo, B.E.&A., A.&C.E., u Joe Agius Bonello, B.Arch., A.&C.E.

Ilu Rettur ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina, għal iżjed minn tletin sena. Kemm ilu jmexxi din il-fratellanza saru diversi opri fl-Oratorju minn għadd ta' benefatturi u devoti ta' San Ġużepp. Fost l-oħrajn, l-Oratorju ġie miksi kollu bl-irħam u ndurat, tpoġġew diversi pitturi.

Fl-1963 saret l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa mirakoluża ta' San Ġużepp. Saru festi ċentinarji ta' meta San Ġużepp ġie pproklamat Patrun Universali tal-Knisja Kattolika.

Laqa' diversi awtoritajiet eklessjastiċi, fosthom, f'Ottubru 1977, lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Ferdinando Ġiuseppe Antonelli O.F.M., flimkien ma' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Giustino Pastorino, O.F.M., Isqof ta' Benghasi.

Fl-1980, saru festi straordinarji fl-okkażżjoni ta' għeluq id-90 sena li ġiet l-Istatwa ta' San Ġużepp minn Marsilja.

J. M. MICALLEF